MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Numru. 543/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Kalcidon sive Donio Vella**

Kumpilazzjoni Nru: 543/2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kalcidon sive Donio Vella, ta' 18 il-sena, bin Grazio u Salvina nee Demicoli, imwieled Pieta, fit-22 ta' Settembru 1991 u residenti fil-fond numru 16, "Robina" Triq Salvu Astarita Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 487291(M).

Akkuzat talli nhar is-16 ta’ Awissu 2010 ghal habta ta’ 5.50 ta’ wara nofs in-nhar fil-waqt li kien fil-kazin tal-banda San Mikiel li jinsab f’Misrah is-Sliem Haz-Zabbar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Antoine Vassallo minn Haz-Zabbar f’perikolu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi hekk kif iccertifikat minn Dr. Muhaiyo Bartolo Hodjayeva t-tabib ta’l-emergenza ta’l-isptar Mater Dei liema ferita ggib debulizza permanenti fis-sahha jew f’xi parti mill-funzjoni tal-gisem u fil-wicc tal-vittma.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta glieda li nqalghat nhar fis-16 ta’ Awissu 2010 fil-kazin tal-banda San Mikiel f’Haz-Zabbar; glieda li fil-fatt involviet diversi persuni u svolgiet f’tlett stadji.

Illi jibda biex jinghad li minbarra xi ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tieni u  t-tielet stadju ta’ dan l-incident hadd mill-persuni direttament jew indirettament involuti ma ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, ghalkemm kollha tressqu bhala xhieda mill-prosekuzzjoni. Dawn, jew ghaliex imparentati ma’l-imputat, jew ghax hemm proceduri pendenti kontra taghhom dwar dan l-istess incident u setghu jinkriminaw lilhom infushom, prevalixxew ruhhom mill-fakolta li ma jixhdux.

Illi mid-depozizzjonijiet tal-pulizija li tressqu bhala xhieda f’dan il-kaz jirrizulta li meta huma waslu fuq il-post, fil-verita barra l-kazin San Mikiel, raw taqbid li kien jinvolvi lill-imputat, lil Antoine Vassallo (il-parte leza f’dawn il-procdeuri), lil certu Charlot Desira u persuni ohra.

Illi PS91 Michael Buttigieg jghid li meta wasal fuq il-post ra lill-imputat u lil Antoine Vassallo jiggieldu; hu mar iferraq u ressaq lill-imputat ‘l boghod minn Antoine Vassallo pero malli ghamel hekk ra lil missier l-imputat jaghti lil xi hadd, u lil Charlot Desira ser jahbat ghall-imputat; f’dak il-hin intervjenew pulizija ohra.

Illi PC1603 da parti tieghu jirrakkonta li meta wasal fuq il-post ma’ PS91 Michael Buttigieg ra lill-imputat u lil Antoine Vassallo qed jiggieldu; ferrquhom; pero f’dak l-stadju dahal fin-nofs Charlot Desira u regghet bdiet il-glieda f’liema stadju intervjenew l-ispettur u is-supretendent.

Illi l-ispettur Fabian Fleri qal li meta huwa wasal fil-post ta’ l-incident ra lil Charlot Desira ser jahbat ghall-imputat u ghalhekk prova jzommu. L-ispettur Fleri fil-fatt irnexxielu jzomm lil Desira pero dan rega ta s-salt u wegga’ lill-ispettur u harablu, biex baqa sejjer fuq l-imputat u qabda jaghtih. B’l-ghajnuna tas-Supretendent Bartolo, l-Ispettur Fleri rnexxielu jerga jzomm lil Desira.

Illi s-Supretendent Bartolo bejn wiehed u iehor ta l-istess verzjoni bhal dik ta’l-Ispettur Fleri.

Illi minn dak li qalu dawn l-erbgha pulizija u mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post mill-istess ufficjali jidher li l-ewwel it-taqbieda bdiet fil-kazin, tant li hemm gew notati hafna mwejjed u siggijiet maqlubin u hgieg mkisser. Minn hemm il-glieda kompliet barra; hemm intervjenew PC1603 u PS91 li rrnexxielhom iferrqu lil persui involuti, pero Charlot Desira habat ghall-imputat. F’dak l-istadju intervjenew ukoll l-Ispettur Fleri u s-Supretendent Bartolo. Fil-verita kien hemm diversi persuni ohra involuti f’dan il-glied li uhud minnhom ukoll soffrew xi griehi.

Illi meta waslu fuq il-post PS61 u PC1603 l-imputat u Vassallo diga kienu maqbudin f'xulxin u hadd mill-persuni li ra l-glieda tibda ma xehed quddiem din il-Qorti. Ghalhekk mill-provi akkwizieti f'dan il-process ma jirrizultax kif gew f'l-idejn l-imputat u Antoine Vassallo hekk kif ma jirrizultax min agredixxa lil min u jekk xi hadd minnhom kien qed jagixxi biex jiddefendi lilu nnifsu. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm iz-zewg pulizija hawn fuq imsemmija qalu li raw lill-imputat u lil Vassallo maqbudin f'xulxin hadd minnhom ma qal li ra lill-imputat jaghti xi daqqa ta' ponn (jew xi daqqa ohra) lil Vassallo f'wiccu b'mod li seta' jigi stabbilit 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-griehi li soffra Vassallo f'wiccu gew ikkawzati mill-imputat u mhux minn xi persuni ohra minn dawk kollha lil kienu involuti f'l-ewwel stadji ta' din il-glieda.

Illi huwa veru li in atti hemm esebieta stqarrija ta' l-imputat li fiha hemm diversi dettalji dwar il-glied kollu li nqala' u kif svolga pero, kif gustament irrileva d-difensur ta'l-imputat, din l-istqarrija ttiehdet minghajr ma' l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u konsegwentement ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni[1].

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni pruvat fil-grad rikjest mill-Ligi f'liema stadju ta' dan l-incident Antoine Vassallo soffra l-griehi u min kien li fil-fatt ikkawza dawn il-griehi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] L-istqarrija ttiehdet qabel ma dahlet fis-sehh dik id-dispozizzjoni tal-Ligi li permezz taghha persuni suspettati bil-kommissjoni ta' xi reat inghataw id-dritt li jikkonsulat avukat.